MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 970/2000/1

**Joseph Grima**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija fis-26 ta' Gunju, 2000 bil-procedura sommarja ai termini ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u hamsin lira maltin (LM21,250.00) rappresentanti valur ta' kambjali,

iffirmati u accettati u li lkoll immaturaw ghall-hlas, giet milqugha bl-ispejjes kontra l-konvenut u dana wara li t-talba tal-konvenut biex jikkontesta l-kawza ma gietx accettata billi ma weriex li ghandu eccezzjonijiet tajba x'jaghti.

Fl-appell interpost mill-konvenut din il-Qorti qed tigi mitluba li tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet maghmula mill-attur fic-citazzjoni tieghu, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat, jew altrimenti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha nkwantu laqghet l-ewwel talba attrici u pprocediet ghas-sentenza b'dispensa tas-smigh tal-kawza u minflok tammetti lill-appellant illi jikkontesta l-kawza bil-mod stabilit fil-ligi, tirrevokaha wkoll inkwantu laqghet it-tieni u t-tielet talbiet attrici ghall-dikjarazzjoni dwar il-"maturita`" tal-kambjali u ghall-kundanna ghall-hlas, u minflok tordna illi l-atti ta' din il-kawza jigu rimessi u mibghuta lill-Ewwel Onorabbli Qorti ghas-smigh regolari tal-kawza skond il-ligi, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur apellat u dana wara li gie sottomess illi:

1) l-kambjali in parola kienu gew accettati mill-appellant favur l-attur appellat in konnessjoni ma' negozju illi kien jinvolvi t-trasferiment ta' stazzjon tar-radju mill-attur lill-appellant. L-imsemmija kambjali kienu jinkorporaw sew il-prezz ossia korrispettiv pagabbli mill-appellant in vista ta' tali trasferiment u kif ukoll il-korrispettiv ta' certi stipulazzjonijiet ohra fosthom per ezempju, l-onorarju pagabbli mill-appellant lill-attur tal-programm illi kellu jaghmel l-appellant fuq l-istazzjoni tar-radju hekk assenjat.
2) Illi dan it-trasferiment ta' negozju immedjatament dahal f'diffikultajiet kbar generati principalment mill-fatt illi l-Awtorita' tax-Xandir ma accettatx illi l-licenzja minnha mahruga lill-attur ghat-trasferiment mill-istazzjon tigi trasferita lill-appellant.
3) Illi in vista ta' dawn id-diffikultajiet, il-kontendenti qablu illi jwaqqghu l-ftehim milhuq bejniethom u fit-2 ta' April, 1996, giet iffirmata skrittura privata illi fiha gie revokat l-ftehim originali tat-2 ta' Frar, 1995.
4) Illi dwar il-kambjali accettati mill-appellant u kontestati lill-attur, fosthom allura l-kambjali meritu tal-

kawza odjerna, il-partijiet qablu illi dawn il-kambjali kellhom jibqghu fil-pussess tal-attur bhala garanzija tal-ezekuzzjoni ta' certi obbligazzjonijiet assunti mill-appellant in konnessjoni mal-ftehim dwar ir-revoka tal-assenjazzjoni tal-istazzjon tar-radju. Fil-fatt fl-iskrittura privata tat-2 ta' April, 1996 jinghad illi "All Bills of Exchange to be retained until full settlement is made."

5) Illi l-appellant debitament wettaq dawn l-obbligi hlief ghal xi obbligazzjonijiet illi l-valur komplessiv ma jeccedix ftit eluf ta' liri u li ma gewx ezegwiti minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur.

Dan premess il-konvenut appellant issottometta li huwa gie aggravat bis- sentenza imsemmija billi hass li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-ftehim iffirmat fit-2 ta' April, 1996, f'liema ftehim gie emendat l-kuntratt originali tat-2 ta' Frar 1995. Dan il-ftehim, skond il-konvenut appellant, biddel in-natura guridika tal-kambjali mahruga u accettati mill-appellant minn titolu ghal hlas kontemplat fil-ftehim originali ghall-garanzija ta' esekuzzjoni ta' obbligi residwali b'mod li l-"*l-invokazzjoni ta' tali garanzija kellu jkun il-prova tal-inadempjenza tal-appellant proprju fit-twettieq tal-obbligi hekk garantiti fil-kambjali*" . Kien ghalhekk, jissottometti l-konvenut appellant, li l-ewwel Qorti messha akkordatlu l-fakolta li jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Ikkunsidrat:-

Il-procedimenti sommarji kontemplati fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma proceduri specjali permessi f'cirkostanzi partikolari fejn tista' issir talba biex tinghata decizjoni skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza. Huwa pero' mehtieg biex din il-procedura tigi segwita li l-attur jikkonferma bil-gurament tieghu li l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba. Din ic-citazzjoni, flimkien mad-dikjarazzjoni u l-affidavit rikjest fl-artikolu 167 tal-Kap 12, ghandhom jigu notifikati lill-kontro parti fit-terminu stabbilit.

Fl-ewwel data tas-smiegh, dejjem jekk il-konvenut ma jibqax kontumaci jew ma jopponix bhala mhix regolari jew

li ma tghoddx ghall-kaz, il-procedura li biha nqeda l-attur, inkella, jekk jghati din l-eccezzjoni u ma tigix milqugha, il-Qorti tghaddi biex tiddecidi minnufih l-kawza, billi tilqa' t-talba tal-attur. B'dana kollu f'dik l-udjenza, l-konvenut jista' jressaq provi li jissodisfaw lill-Qorti li huwa ghandu eccezzjonijiet *prima facie,* fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-meritu ta' l-azzjoni, jew xort'ohra jgib fatti jew punti ta' ligi li jistghu jitqiesu li jkunu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba.

Il-Qorti, f'dan l-istadju, hija tenuta biss li tezamina l-validita' tal-pretensjoni tal-konvenut b'mod li tista' prima facie takkordalu d-dritt li jikkontesta t-talba. F'liema kaz il-proceduri ma jibqghux sommarji izda jiehdu r-rotta normali kontemplata fl-artikolu 154 *et sequitur* tal-Kap 12. Ghalhekk id-diskrezzjoni li taghti l-ligi lill-gudikant li jippermetti jew le li kawza sommarja tigi kontestata, ghandha tigi ezercitata bi grad  gholi ta' kawtela stante li tista' tigi michuda l-possibilita` lill-konvenut li jikkontesta t-talba maghmula kontrih u jigi rinfaccat b'sentenza wara ezami *superficjali* tal-fatti tal-kawza minghajr ma jkollu l-provi proprji quddiemu. Il-gudikant ghalhekk jrid jizen sew l-posizzjoni tal-konvenut u fid-dubbju ghandu jiffavorixxi l-kontestazzjoni.

Issa huwa minnu li azzjoni kambjarja, bhal ma hi dik prezenti, generalment hija procedura li tippresta ruhha ghall-proceduri sommarji kontemplati fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12. Dana billi d-dritt naxxenti mill-kambjala fiha nfisha ftit li xejn jippermetti kontestazzjoni jekk mhux f'dawk il-kazi limitati li tipprospetta l-ligi. Izda jistghu jirrikorru cirkostanzi fejn ma jkunx gust u ekwu li l-Qorti tadotta r-regola severa kontemplata fl-artikolu 167 *et sequitur* u b'hekk tichad l-possibbilita' ta' kontestazzjoni li tista' tirrizulta gustifikata. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kaz odjern jipprezenta fattispecje li jimmeritaw indagini ulterjuri u mhux is-semplici akkoljiment tat-talba fuq il-premess li din hija azzjoni kambjarja.

In fatti jidher li l-ewwel Qorti apprezzat il-possibilita' ta' kontestazzjoni ghat-talba attrici billi wara li ezaminat li skrittura tat-2 ta' April, 1996 ezebita mill-konvenut,

esprimiet ruhha hekk: "*Rat illi dan il-ftehim ma jghid xejn dwar data ta' hlas; Rat ukoll illi l-paragrafu 9 tal-ftehim ma jibdilx in-natura tal-kambjalijiet. Ghaldaqstant tichad it-talba ghall-kontestazzjoni.*"

Issa jidher li l-iskrittura tat-2 ta' April, 1996 saret proprju bhala "*follow up*" ghall-ittra tas-16 ta' Marzu, 1996 li l-konvenut appellant baghat lill-attur odjern (Dok JM22 fol 27) fejn qed jitolbu li l-ftehim tat-2 ta' Frar, 1995 jigi xjolt b'effett immedjat. L-istess ittra tkompli tghid li l-konvenut appellant "*Biex jaghmel tajjeb ghall-perjodu meta l-attiv u l-passiv ta' l-istazzjon tar-radju kien isejjah lili u bhala garanzija ghall-pagamenti dovuti mill-kumpanija sa tmiem il-ftehim jiena qed inhalli ghad-disposizzjoni tieghek il-kambjali li kont tajtek mal-kuntratt.*"

Il-ftehim tat-2 ta' April, 1996 jidher li ma huwa xejn aktar hlief resokont tal-pendenzi rizultanti mix-xoljiment tal-ftehim tat-2 ta' Frar, 1995, tant hu hekk li huwa intestat "**For period Feb 2 1995 to March 31 1996".** Dan huwa proprju il-perjodu li jkopri d-data tal-iffirmar ta' l-ewwel ftehim meta sar it-trasferiment ta' l-istazzjon tar-radju u l-ahhar data qabel ix-xoljiment tal-istess ftehim. Inoltre jidher li l-kontraenti hemmhekk irregolaw l-kwistjonijiet finanzjarji jew xort' ohra li kienu ghandhom pendenti bejniethom u finalment jinghad li "*All Bills of Exchange to be retained* (presumibilment minn Grima Communications) *until full settlement is made.*" Jidher ghalhekk li l-oggezzjoni tal-konvenut appellant ghall-akkoljiment tat-talba kif proposta jista' jkollha fondament u certament ghandha tigi investigata.

Illi fil-kumpless tac-cirkostanzi kollha rizultanti kif fuq inghad u dawk li jistghu jirrizultaw waqt il-gbir tal-provi li ser jigi akkordat kif provdut hawn taht, din il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' l-ewwel talba fir-rikors ta' appell odjern billi ma tistax, f'dan li stadju u fl-assenza ta' provi konkreti, tichad it-talbiet attrici. Biss jkun xieraq u opportun li l-atti jergu jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u kull kontro-talba li tista' tigi presentata, tghaddi biex tiddecidi fuq l-kwistjoni kollha rizultanti quddiemha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel talba maghmula mill-appellant, tilqa' it-tieni alternattiva billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha inkwantu laqghet l-ewwel talba attrici u pprocediet ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u ghalhekk tammetti lill-konvenut appellant jikkontesta l-kawza bil-mod stabbilit fil-ligi u b'dan il-mod tirrevoka l-istess sentenza inkwantu kkundannat lill-konvenut appellant ghall-hlas tal-ammont reklamat u b'hekk tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti ghall-prosegwiment skond il-ligi.

L-ispejjes fic-cirkostanzi, inkluzi dawk ta' l-ewwel istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------